MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 867/2009

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2009 in forza ta' liema gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u sebghin ewro u seba' centezmi (€371.07c) rapprezentanti xoghol ta' surveying maghmul mill-istess socjeta' attrici a beneficcju u fuq inkarigu tal-konvenut kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok A u kif jirrizulta wkoll mill-invoice mmarkat u anness Dok B. Bl-ispejjez kontra l-konvenut ta' din il-kawza.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat, baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Lanqas biss ma deher, la fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2009 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra li fil-kaz in ezami it-Tribunal huwa affacjat biss mill-provi li prezentat is-socjeta' attrici fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2009 minn fejn jirrizulta mix-xhieda ta' Mario

Attard Trevison b'mod sodisfacenti r-raguni ghala nfethet din il-kawza u kif u ghala dan l-ammont kien dovut mill-konvenut kif ukoll liema talba tinsab supportata mid-dokumenti esebiti mal-avviz. Ra illi ghalkemm il-kawza thalliet ghall-provi kollha li ghandu l-konvenut ghas-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2009, huwa naqas illi jidher ghal dik is-seduta u wisq anqas ressaq provi biex b'xi mod jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' tlett mija u wiehed u sebghin ewro u seba' centezmi (€371.07c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------